



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Mejju 2021
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0226(NLE)

7992/21
ADD 2

RECH 161
COMPET 263
ATO 28
CADREFIN 184

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	14206/20
Nru dok. Cion:	9871/18 + ADD 1-6
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni <i>- Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża</i>

Dikjarazzjoni tal-Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilqa' l-istabbiliment tar-Regolament dwar ir-Riċerka tal-Euratom (2021-2025). Il-Ġermanja taqbel mar-Regolament, iżda tindika l-punti li ġejjin:

Il-Ġermanja jiddispjaċiha li, minkejja negozjati twal, ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil dwar formulazzjoni li tagħmilha ċara li mhux l-Istati Membri kollha huma tal-istess fehma li r-riżultati tar-riċerka tal-Euratom jikkostitwixxu kontribut potenzjali għall-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija newtrali għall-klima (Premessa 2) li tkun ukoll meqjusa sikura u effiċjenti, u li mhux l-Istati Membri kollha jqisu li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni enerġetika (Artikolu 3(1)). Il-Ġermanja toġġezzjona għal tali interpretazzjoni, anki fir-rigward ta' proġetti oħra tal-UE, u tiddokumenta l-pożizzjoni tal-Ġermanja f'din id-dikjarazzjoni, li tista' ssir referenza għaliha għal kwalunkwe interpretazzjoni futura. Huwa d-dritt sovrani ta' kull Stat Membru tal-UE li jiddetermina t-taħlita enerġetika tiegħu stess. Madankollu, xtaqna li d-dikjarazzjonijiet li saru fir-Regolament rigward il-potenzjal tal-enerġija nukleari biex tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-twettiq tat-tranżizzjoni enerġetika jirriflettu aħjar iċ-ċirkostanzi speċifiċi fl-Istati Membri individwali tal-UE. L-Istati Membri tal-UE ma għandhomx fehim uniformi u komuni ta' dan.

It-terminazzjoni tal-użu tal-enerġija nukleari għall-ġenerazzjoni kummerċjali tal-elettriku fil-Ġermanja taqa' fil-perijodu ta' validità tar-Regolament dwar ir-Riċerka tal-Euratom (2021-2025). Fil-qasam tal-fissjoni nukleari, ir-riċerka tal-Euratom għaldaqstant ser tiffoka fuq l-appoġġ tekniku u xjentifiku għall-operazzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari fil-Ġermanja sa tmiem l-2022, il-fażi postoperazzjonali sussegwenti, ir-rimi tal-iskart radjuattiv, il-protezzjoni mir-radjażzjoni u l-manutenzjoni tal-kompetenza aktar fit-tul bil-ħsieb ta' żviluppi barra mill-pajjiż. Din l-orjentazzjoni futura tal-politika tal-Ġermanja dwar l-enerġija nukleari lejn l-użu ċivili jrid jittieħed kont tagħha b'mod bilanċjat fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropej rilevanti, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament ta' proġetti potenzjali f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament flimkien mal-premessa korrispondenti (Premessa 14).